MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tal-11 ta' April, 2014

Talba Numru. 722/2013

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Carlene Cattell K.I. 39842(A)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi ippreżentat fis-6 ta' Novembru 2013, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet mingħand il-konvenuta l-ħlas tas-somma ta' elf, sitt mija u disgħa u sittin Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€1669.58) – liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni, bl-akkont numru *A/C 40185420*, mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenuta;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' elf, sitt mija u disgħa u sittin Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€1669.58), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi ppreżentata fil-25 ta' April 2013, u nnumerata 915/13, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċċitata huma a kariku tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------